Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 87/21**
il-Lussemburgu, 20 ta' Mejju 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-8/20
L. R. vs Bundesrepublik Deutschland

# Applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tistax tiġi miċħuda bħala inammissibbli minħabba li applikazzjoni għall-ażil preċedenti mressqa mill-istess persuna kkonċernata kienet ġiet miċħuda min-Norveġja

*Fil-fatt, minkejja li dan l-Istat terz jipparteċipa parzjalment fis-sistema Ewropea komuni tal-ażil, dan l-Istat ma jistax jiġi assimilat ma' Stat Membru*

Fl-2008, L. R., ċittadin Iranjan, ressaq applikazzjoni għal ażil fin-Norveġja. L-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda u huwa ntbagħat lill-awtoritajiet Iranjani. Fl-2014, L. R. ressaq applikazzjoni ġdida fil-Ġermanja. Sa fejn ir-Regolament Dublin III [1], li jippermetti li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, jiġi implimentat ukoll min-Norveġja [2], l-awtoritajiet Ġermaniżi kkuntattjaw l-awtoritajiet ta' dan il-pajjiż sabiex jitolbuhom jieħdu responsabbiltà ta' L. R. Madankollu, dawn tal-aħħar irrifjutaw peress li qiesu li n-Norveġja ma kinitx iktar responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, u dan konformement mar-Regolament Dublin III [3]. Sussegwentement, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjoni għal ażil ta' L. R. bħala inammissibbli peress li qiesu li din kienet it-"tieni applikazzjoni" u li l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi ġġustifikat, f'dan il-każ, ftuħ ta' proċedura ta' ażil ġdida ma kinux issodisfatti. Għalhekk, L. R. ressaq azzjoni kontra din id-deċiżjoni quddiem ix-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva ta' Schleswig-Holstein, il-Ġermanja).

F'dan il-kuntest, hija ddeċidiet li tagħmel domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tingħata kjarifiki dwar il-kunċett ta' "applikazzjoni sussegwenti", iddefinit fid-Direttiva 2013/32 [4]. Fil-fatt, l-Istati Membri jistgħu jiċħdu applikazzjoni sussegwenti bħala inammissibbli meta din ma jkollhiex element jew fatt ġdid [5].

Għax-Schleswig-Holsteinisches Verwaltungsgericht, ċertament, mid-Direttiva "proċeduri" jirriżulta li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ma tistax tiġi kklassifikata bħala "applikazzjoni sussegwenti" meta l-ewwel proċedura li tkun wasslet għal ċaħda ma tkunx tmexxiet fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni, iżda fi Stat terz. Madankollu, fil-fehma tagħha, din id-direttiva għandha tiġi interpretata b'mod iktar wiesa', fid-dawl tal-parteċipazzjoni tan-Norveġja fis-sistema Ewropea komuni tal-ażil, skont il-Ftehim bejn l-Unjoni, l-Islanda u n-Norveġja, b'mod li l-Istati Membri ma humiex obbligati jmexxu l-ewwel proċedura ta' ażil kompleta f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni.

---

[1] Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III").
[2] Skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabbiliment ta' l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għal ażilju ppreżentata fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 78; iktar 'il quddiem il-"Ftehim bejn l-Unjoni, l-Islanda u n-Norveġja").
[3] Ara l-Artikolu 19(3) tar-Regolament Dublin III.
[4] Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 'proċeduri'").
[5] Ara l-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva "proċeduri".

Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din l-analiżi u tqis li d-dritt tal-Unjoni [6] jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi l-possibbiltà li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiġi miċħuda bħala inammissibbli minħabba l-fatt li l-persuna kkonċernata tkun ressqet applikazzjoni preċedenti, intiża għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat, fi Stat terz li jimplimenta r-Regolament Dublin III, konformement mal-Ftehim bejn l-Unjoni, l-Islanda u n-Norveġja, u din l-applikazzjoni tkun ġiet miċħuda.

Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li "applikazzjoni sussegwenti" hija ddefinita fid-Direttiva "proċeduri" bħala "applikazzjoni oħra għall-protezzjoni internazzjonali li ssir wara li tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar applikazzjoni preċedenti" [7]. Issa, minn din id-direttiva [8] jirriżulta b'mod ċar, minn naħa, li applikazzjoni indirizzata lil Stat terz ma tistax tiġi interpretata li hija "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" u, min-naħa l-oħra, li deċiżjoni meħuda minn Stat terz ma tistax taqa' taħt id-definizzjoni ta' "deċiżjoni finali". Konsegwentement, l-eżistenza ta' deċiżjoni preċedenti ta' Stat terz li tiċħad applikazzjoni intiża għall-għoti tal-istatus ta' refuġjat ma tippermettix li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ppreżentata mill-persuna kkonċernata lil Stat Membru wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni preċedenti tiġi kklassifikata bħala "applikazzjoni sussegwenti".

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżid li l-eżistenza ta' ftehim bejn l-Unjoni, l-Islanda u n-Norveġja hija irrilevanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, jekk stess, bis-saħħa ta' dan il-ftehim, in-Norveġja timplimenta ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Dublin III, is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/95 [9], jew tad-Direttiva "proċeduri". Barra minn hekk, f'sitwazzjoni bħal din inkwistjoni, ċertament, l-Istat Membru li lilu l-persuna kkonċernata tippreżenta applikazzjoni ġdida għal protezzjoni internazzjonali jista', jekk meħtieġ, jitlob lin-Norveġja tassumi r-responsabbiltà tal-persuna kkonċernata. Madankollu, meta tali teħid ta' responsabbiltà ma jkunx possibbli jew ma jseħħx, l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx korrett jekk jikkunsidra li l-applikazzjoni ġdida tikkostitwixxi "applikazzjoni sussegwenti", b'mod li din tkun tista' tiġi ddikjarata inammissibbli jekk ikun il-każ. Barra minn hekk, jekk wieħed jassumi li s-sistema Norveġiża tal-ażil tipprovdi livell ta' protezzjoni tal-applikanti għall-ażil ekwivalenti għal dak tad-dritt tal-Unjoni, dan il-fatt ma jistax iwassal għal konklużjoni differenti. Fil-fatt, minn naħa, mill-kliem tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva "proċeduri" jirriżulta ċar li, fl-istat attwali, Stat terz ma jistax jiġi assimilat ma' Stat Membru, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-raġuni ta' inammissibbiltà inkwistjoni. Min-naħa l-oħra, tali assimilazzjoni ma tistax tiddependi, bir-riskju li tiġi affettwata ċ-ċertezza legali, fuq evalwazzjoni tal-livell konkret tal-protezzjoni tal-applikanti għall-ażil fl-Istat terz ikkonċernat.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[6] Speċifikament, l-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva "proċeduri", moqri flimkien mal-Artikolu 2(q) tagħha.
[7] Artikolu 2(q) tad-Direttiva "proċeduri".
[8] Artikolu 2(b) u (e) tad-Direttiva "proċeduri".
[9] Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal status uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).